# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu 2021**

**Numru 2**

**Rikors Maħluf Numru 861/2012/1 AE**

**Licia Borg**

***v.***

***HSBC Bank Malta plc*; *Bank of Valletta plc*; *APS Bank plc*; *Malta Stock Exchange plc*; *Lombard Bank Malta plc*; *Global Capital plc*; *Farsons Cisk plc*; *Tumas Investment plc*; u Rita Cassar imsejħa fil-kawża b'dikriet tas-27 ta' Settembru 2012**

1. Dan huwa appell tal-imsejħa fil-kawża Rita Cassar minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu 2014 li iddikjarat illi bis-saħħa ta' testment *unica charta* tal-attriċi u żewġha tat-23 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Nicola Said l-attriċi bħala użufruttwarja għandha l-jedd li "tirtira l-flus mill-kontijiet bankarji li hemm mal-banek fuq imsemmija" u "tillikwida l-investimenti fil-kumpanniji fuq imsemmija u li huma reġistrati f'isem żewġha Philip Borg jew konġuntivament f'isem żewġha Philip Borg u f'isimha". L-

ewwel qorti ddikjarat ukoll li meta jispiċċa l-imsemmi użufrutt il-kapital għandu jitħallas lura lill-werrieta ta’ Philip Borg.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attriċi u żewġha kienu għamlu testment *unica charta* fit-23 ta’ Settembru 1996[1] fl-atti tan-Nutar Nicola Said. Bl-ewwel artikolu tat-testment dak fost it-testaturi li jmut l-ewwel ħalla lil dak li jibqa’ ħaj u għal tul ħajtu kollha:

> »… l-użu u l-użufrutt in ġenerali *ossia* t-tgawdija tal-beni tagħhom kollha mobili u immobili, korporali u inkorporali, preżenti u futuri, eżenti min kull obbligu legali tal-inventarju u tal-kawzjoni; bil-fakoltà fit-testatur li jibqa’ ħaj l-aħħar li jkun jista’ jirtira u jinkassa mingħand kull persuna, bank u awtorità oħra kull somma ta’ flus, kapitali u titoli ta’ fondi pubbliċi soġġetti għal-imsemmi użufrutt.«

3. Żewġ l-attriċi miet, u l-attriċi ippretendiet li bis-saħħa ta’ dan l-ewwel artikolu tat-testment *unica charta* għandha d-dritt illi tieħu l-flus li hemm fil-kontijiet tal-banek u tillikwida l-investimenti f’fondi pubbliċi li kienu f’isem żewġha u/jew f’isimhom it-tnejn. Madanakollu waħda mit-tfal tagħha – Rita Cassar, imsejħa fil-kawża – insistiet li l-jedd ta’ użufrutt ma jagħtihiex id-dritt li tieħu l-kapital.

4. L-attriċi għalhekk fetħet il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-attriċi għandha dritt li tirtira u tinkassa mingħand kull persuna bank u awtorità oħra kull somma ta’ flus kapitali u titoli ta’ fondi pubbliċi li jgħajtu lil żewġha l-mejjet Philip Borg u li huma soġġetti għal użufrutt favur tagħha skond id-disposizzjonijiet tal-ewwel artikolu tat-testment tat-23 ta’ Settembru 1996 atti Nutar Nicola Saliba [*recte*, Said].
>
> »2. tordna lill-istess konvenuti intimati sabiex lir-rikorrenti attriċi, matul ħajjitha, jawtorizzawha tirtira u tinkassa minn kull kont u investiment u kapitali u titoli ta’ fondi, li jinsab depożitati għand l-istess konvenuti f’isem il-mejjet żewġha Philip Borg kemm waħdu kif ukoll konġuntivament mal-attriċi mingħajr il-kunsens tal-eredi tal-istess żewġha.«

[1] Mir-riċerki testamentarji jirriżulta li dan kien l-aħħar testment li għamel il-mejjet Philip Borg.

5. Il-konvenuti kollha ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom. Madankollu l-attriċi ċediet it-talbiet tagħha kontra dawn il-konvenuti b'nota ta' ċessjoni tal-21 ta' Diċembru 2012.

6. B'dikriet tas-27 ta' Settembru 2012 issejħet fil-kawża Rita Cassar u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1) Preliminarjament, jiġi rilevat illi l-eċċipjenti għadha m'aċċettatx il-wirt ta' missierha Philip Borg li miet fis-17 ta' Frar 2011.

»2) Preliminarjament ukoll, din il-kawża ġiet intavolata kontra diversi entitajiet li ma humiex il-leġittimi kontraditturi għat-talbiet tal-attriċi, filwaqt li tħallew barra l-leġittimi kontraditturi għat-talbiet tal-attriċi, *ossia* l-eredi l-oħra ta' Philip Borg. Għalhekk ukoll qed tiġi eċċepita n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju.

»3) Subordinatament u bla preġudizzju għal dak premess, fl-ewwel artikolu tat-testment tat-23 ta' Settembru 1996 in atti Nutar Nicola Said, l-attriċi tħalliet legat ta' użufrutt mingħand żewġha. Għalhekk l-ewwel artikolu tat-testment pre-ċitat irid jiġi inter-pretat u applikat fid-dawl tal-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 16 li jirregolaw dan l-istitut.

»4) Illi skont l-artikolu 328 tal-Kap. 16, "l-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fil-għamla". L-artikolu 332 tal-Kap. 16 imbagħad jipprovdi li "L-użufruttwarju għandu jedd għal kull xorta ta' frottijiet, sew naturali, industrijali, jew ċivili, illi tista' tagħti l-ħaġa li tagħha jkollu l-użufrutt." Fid-digriet kamerali tagħha tas-27 ta' Settembru 2012, din l-onorabbli qorti ordnat lill-attriċi sabiex tikkonferma jekk hix beħsiebha tagħlaq l-investimenti li hemm mal-konvenuti, u, fl-affermattiv, x'inhi l-intenzjoni tagħha li tagħmel bil-flus. Permezz ta' nota maħlufa ppreżentata fil-25 ta' Ottubru 2012, l-attriċi stqarret li hi ser tuża dawn il-flus meta tiġi bżonnhom; jiġifieri hawn stqarret li trid ikollha l-jedd li tiddisponi mill-kapital u mhux l-imgħaxijiet biss. Illi għaldaqstant, in kwantu t-talbiet u intenzjonijiet tal-attriċi jikkozzaw mal-artikolu 328 u 332 tal-Kap 16, l-eċċipjenti topponi għall-istess talbiet.

»5) Illi fi kwalunkwe każ l-attriċi ma għandha l-ebda ħtieġa, impellenti jew mhijiex, li tinkassa l-kapitali intestati f'isem il-premort żewġha, anke għaliex hi għandha sostanzi monetarji suffiċjenti, tant li saħansitra wara l-mewt ta' żewġha għaddiet biex tiddona lill-eredi, ad eċċezzjoni tal-eċċipjenti, is-sehem tagħha minn proprjetà immobiljari.

»6) Illi iżda għal dak li jirrigwardja l-investimenti intestati f'isem id-defunt Philip Borg u l-attriċi konġuntivament, jekk l-attriċi tressaq prova li dawn l-investimenti kienu effettivament jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwistji ġà eżistenti bejnha u d-defunt Philip Borg, allura l-eċċipjenti ma topponix li nofs dawn l-investimenti

jiġu inkassati mill-attriċi u li dawn ikunu a disposizzjoni libera tagħha.

»7) Illi fl-aħħarnett u bla preġudizzju għal dak li ngħad aktar qabel, ikun xi jkun l-eżitu ta' din il-kawża, l-eċċipjenti m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-intimati l-oħra, *stante* li dawn ġew imħarrka mill-attriċi inutilment.«

7. Wara li ngħatat il-permess meħtieġ mill-ewwel qorti l-imsejħa fil-kawża Rita Cassar kompliet ressqet żewġ eċċezzjonijiet oħra bi tweġiba maħlufa ulterjuri tal-25 ta' Marzu 2013. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ulterjuri iżda ġew miċħuda mill-ewwel qorti fis-sentenza preliminari tas-27 ta' Ġunju 2013.

8. Bis-sentenza tat-28 ta' Marzu 2014 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti mbagħad iddeċidiet kif ġej dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-imsejħa fil-kawża:

»1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-meritu li tat il-konvenuta, u tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara li skond l-ewwel artikolu tat-testment *unica charta* tat-23 ta' Settembru 1996 pubblikat min-Nutar Dr Nicola Said għandha jedd li:

»(a) tirtira l-flus mill-kontijiet bankarji li hemm mal-banek fuq imsemmija; u

» (b) tillikwida l-investimenti fil-kumpanniji fuq imsemmija;

»u li huma reġistrati f'isem żewġha Philip Borg jew konġuntivament f'isem żewġha Philip Borg u f'isimha.

»2. Għal kull buon fini tiddikjara li t-tieni talba ġiet eżawrita ladarba l-attriċi rrinunzjat għall-kawża fil-konfront tal-banek, kumpanniji u *Malta Stock Exchange plc.*

»3. Tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-konvenuta.

»Spejjeż a karigu tal-konvenuta Cassar, b'dan li l-attriċi għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dawk il-konvenuti li fil-konfront tagħhom irrinunzjat il-kawża.»

9. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Filippo Borg miet fis-17 ta' Frar 2011 u l-wirt tiegħu hu regolat minn testment *unica charta* tat-23 ta' Settembru 1996. L-ewwel artikolu jaqra:

> »"It-testaturi Philip u Licia Borg jħallu lil xulxin *cioè* dak li jmut l-ewwel lil dak li jibqa' ħaj u għal tul ħajtu kollha l-użu u l-użufrutt in ġenerali ossia t-tgawdija tal-beni tagħhom kollha mobbli u immobbli, korporali u inkorporali. preżenti u futuri, eżenti minn kull obbligu legali tal-inventarju u tal-kawzjoni; bil-fakoltà fit-testatur li jibqa' ħaj l-aħħar li jkun jista' jirtira u jinkassa mingħand kull persuna, bank u awtorità oħra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi soġġetti għall-imsemmi użufrutt."

»… … …

»2. L-attriċi hi legatarja. Għalhekk trid titlob lill-werrieta sabiex titpoġġa fil-pussess (artikolu 726 tal-Kodiċi Ċivili). Minħabba oġġezzjoni ta' bintha Rita Cassar, l-attriċi qiegħda ssib diffikultà biex tillikwida l-investimenti u tieħu l-flus. Rita Cassar qiegħda ssostni li għadha ma ddeċiditx dwar jekk għandhiex taċċetta l-wirt ta' missierha jew inkella titlob il-porzjon riżervata. Madankollu, irrispettivament jekk il-konvenuta aċċettatx il-wirt ta' missierha, hu evidenti li qiegħda ssostni li ommha m'għandhiex jedd li tiġbor il-flus mill-kontijiet bankarji u li tillikwida l-investimenti. Għalhekk hemm bżonn li tingħata dikjarazzjoni mill-qorti. It-tfal l-oħra, Marika Zammit u Albert Borg, m'humiex joġġezzjonaw għat-talba.

»3. Id-diżgwid bejn il-partijiet hu dwar l-interpretazzjoni li għandu jingħata lill-ewwel artikolu tat-testment. Filwaqt li l-attriċi ssostni li għandha jedd li tieħu l-flus li hemm fil-kontijiet tal-banek u tillikwida l-investimenti, il-konvenuta ma taqbilx u ssostni li l-jedd ta' użufrutt ma jagħtix id-dritt lill-attriċi li tieħu l-kapital.

»4. Fl-ewwel artikolu tat-testment *unica charta* jingħad:

> »"bil-fakoltà fit-testatur li jibqa' ħaj l-aħħar li jkun jista' jirtira u jinkassa mingħand kull persuna, bank u awtorità oħra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi soġġetti għall-imsemmi użufrutt."

»Fil-fehma tal-qorti, din il-klawżola hi ċara u ma tagħtix lok għal dubju. L-attriċi, bħala legatarja ta' żewġha, għandha kull jedd li tieħu l-flus li hemm depożitati l-bank u tillikwida l-investimenti. It-testatur ma rabatx dan id-dritt ma' xi kundizzjoni li martu trid tkun fil-bżonn. Għalkemm il-konvenuta argumentat li l-jedd mogħti lill-attriċi "m'huwiex maħsub illi jiġi eżerċitat kappriċċożament iżda biss f'każ fejn tqum il-ħtieġa għalih, f'xenarju fejn is-superstiti tirriskontra diffikultajiet finanzjarji minħabba l-qagħda illi taf tispiċċa fiha wara l-mewt tal-parti l-oħra", il-qorti ma taqbilx. Li kieku din kienet l-intenzjoni tat-testatur, kienet tiġi riflessa fl-ewwel artikolu. Jekk il-qorti kellha taqbel mat-teżi tal-konvenuta tkun qiegħda tintroduċi fl-ewwel artikolu kundizzjoni li ma tissemmiex. Ir-riferenza li ghamlet il-konvenuta għas-sentenza M. Vassallo *v.* Chev. J.G. Coleiro tal-Qorti tal-Appell, 11 ta' Frar 1993, m'hijiex flokha in kwantu f'dik il-kawża l-vertenza ma kenitx dwar jekk mart it-testatur setgħetx tirtira l-flus fil-banek jew istituzzjoni oħra biss f'każ ta' bżonn, iżda jekk l-interess f'kumpanniji li t-testatur ħalla lil ibnu kienx ukoll soġġett għall-użufrutt tal-beni kollha li kien ħalla lil martu.

»*Inoltre*, dak li setgħet għamlet l-attriċi wara l-mewt ta' żewġha, cjoè l-għoti ta' proprjetà b'donazzjoni (ara ħames eċċezzjoni), hu irrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża.

»5. Permezz ta' nota preżentata fil-25 ta' Ottubru 2012 l-attriċi ddikjarat:

> »"Li kif irriteniet fl-*affidavit* tagħha … hija trid li jekk tiġi bżonnhom tkun tista' tużahom kif ried żewġha mingħajr ma titlob il-karità mingħand uliedha. Fuq kollox għalhekk hija u żewġha għamlu din il-klawżola biex ma jiġu bżonn ħadd."

»F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

»i. skond l-artikolu 328 tal-Kodiċi Ċivili, "l-użufrutt huwa l-jedd li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fil-għamla". Però Philip Borg ta lil martu l-jedd li tirtira l-flus u tillikwida l-investimenti. Mela kien it-testatur stess li ta d-dritt lil martu sabiex "jirtira u jinkassa min għand kull persuna, bank u awtorità oħra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi soġġetti għall-imsemmi użufrutt". Fil-fehma tal-qorti b'din il-klawżola l-attriċi ġiet eżonerata mill-obbligu li ma tibdilx is-sustanza tal-oġġett u m'għandhiex bżonn il-konkors tal-werrieta ta' żewġha.

»ii. skond l-artikolu 329 tal-Kodiċi Ċivili, flus huma fost l-oġġetti li użufruttwarju għandu l-jedd li jinqeda bihom. Mela ladarba l-attriċi jkollha l-flus f'idejha, għandha jedd li tinqeda bihom. Fis-sentenza <u>Carmelo Galea *et v.* Edgar Preca *et*</u>, din il-qorti qalet: "Biex wieħed jiddisponi mill-proprjetà ta' ħaġa hemm bżonn illi jkun proprjetarju; u appuntu dan hu l-karattru essenzjali tal-kważi-użufrutt, jiġifieri dak li l-użufruttwarju jkun il-proprjetarju tal-ħaġa, imma bl-obbligu li meta jispiċċa l-użufrutt jirrestitwixxi, mhux dik il-ħaġa in-natura, imma l-valur tagħha …" Però xorta jibqa' l-obbligu li meta jispiċċa l-użufrutt, il-kapital jitħallas lura lill-werrieta ta' Philip Borg. Fil-fehma tal-qorti, kieku t-testatur ried mod ieħor kien iħalli b'legat il-proprjetà u mhux l-użu u l-użufrutt.

»6. Jirriżulta wkoll li hemm investimenti u depożiti bankarji f'isem l-attriċi u żewġha. Skond l-artikolu 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili:

> »"Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra."

»Mela l-attriċi għandha l-presunzjoni favur tagħha. Kien għalhekk jispetta lill-konvenuta li tagħti prova kuntrarja. Dan qiegħed jingħad b'riferenza għas-sitt eċċezzjoni. Hu għalhekk evidenti li l-ġid li hemm fil-kontijiet bankarji reġistrati f'isem Philip Borg u l-investiment f'kumpanniji lokali, huma preżunti li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ma tressqet l-ebda prova li twaqqa' din il-presunzjoni. Għalhekk hu evidenti li m'hemmx raġuni għalfejn il-konvenuta ma għamlitx għallinqas dikjarazzjoni ċara li ommha tista' tieħu nofs il-flus u l-investimenti reġistrati f'isem Philip Borg.«

10. Rita Cassar appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-15 t'April 2014 li għalih l-attriċi wieġbet fil-21 ta' Mejju 2014.

11. Fl-ewwel aggravju l-konvenuta appellanti tgħid illi t-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda għax hi għadha ma aċċettatx il-wirt ta' missierha bil-mod li jgħid l-art. 850 tal-Kodiċi Ċivili.

12. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Novembru 2019 din il-qorti, wara li rat l-art. 855 tal-Kodiċi Ċivili, iddeċidiet hekk dwar dan l-aggravju:

> »Fil-każ tallum il-werrieta l-oħra ta' Philip Borg aċċettaw il-wirt u wrew id-disponibilità tagħhom li jagħtu lill-attriċi l-pussess tal-legat. Ma kien hemm ebda ħtieġa għalhekk illi ssir il-kawża tallum, u f'kull każ ma kellhiex issir kontra l-konvenuta Cassar ladarba din, sallum, ma hijiex werrieta u għalhekk ma għandhiex leġittimazzjoni passiva.
>
> »Billi iżda l-konvenuta Cassar għadha tista' taċċetta l-wirt, il-qorti f'dan l-istadju ma hijiex sejra teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju iżda sejra tiddifferixxi l-appell *sine die* b'dan li ma jitqigħedx fuq il-lista tal-kawżi li jmorru deżerti ħlief minn dakinhar li jew l-attriċi tingħata l-pussess tal-legat jew tkun notifikata bl-aċċettazzjoni tal-wirt mill-konvenuta Cassar, u jerġa' jitqiegħed fuq il-lista għas-sentenza finali fuq talba ta' min mill-partijiet ikollu interess hekk kif isseħħ waħda minn dawk iż-żewġ eventwalitajiet.«

13. L-appell reġa' tqiegħed fuq il-lista tat-18 ta' Jannar 2021 u dakinhar l-avukat tal-konvenuta iddikjara li aċċettat il-wirt ta' missierha. L-ewwel aggravju huwa għalhekk illum superat, u l-qorti sejra tgħaddi biex, wara li tqis l-aggravji l-oħra, taqta' l-appell.

14. It-tieni aggravju jolqot l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi:

> »… … …kien it-testatur stess li ta d-dritt lil martu sabiex "jirtira u jinkassa mingħand kull persuna, bank u awtorità oħra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi soġġetti għall-imsemmi użufrutt". Fil-fehma tal-qorti b'din il-klawżola l-attriċi ġiet eżonerata mill-obbligu li ma tibdilx is-sustanza tal-oġġett u m'għandhiex bżonn il-konkors tal-werrieta ta' żewġha.«

u ġie mfisser hekk:

> »Minkejja illi l-punt ta' partenza tal-ewwel qorti kien proprju li tafferma l-prinċipji illi jirregolaw l-istitut tal-użufrutt, *ossia* l-jedd li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fil-għamla, l-istess qorti għaddiet sabiex tinterpreta l-aħħar paragrafu tal-ewwel disposizzjoni

testamentarja, u *cioè* l-parti fejn it-testaturi akkordaw lii min jibqa' ħaj l-aħħar fosthom il-fakoltà li "jirtira u jinkassa mingħand kull persuna, bank u awtorità oħra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi", bħala disposizzjoni li tikkrea dritt *sui generis* li jeżenta lill-appellata mill-obbligu tagħha bħala użufruttwarja illi żżomm is-sustanza tal-ħwejjeġ soġġetti għall-użufrutt.

»B'din l-interpretazzjoni illi ngħatat mill-qorti *in primo grado*, l-aħħar paragrafu tal-ewwel disposizzjoni testamentarja mhux biss ingħata tifsira differenti minn dik illi tassew kienet il-volontà tat-testaturi, liema volontà kjarament tirriżulta mill-qari sħiħ tal-ewwel disposizzjoni testamentarja, iżda l-appellata saħansitra ngħatat l-opportunità li tiddisponi mill-ħwejjeġ soġġetti għall-użufrutt (għalkemm l-ewwel qorti għamlitha ċara li l-proprjetà tal-assi tibqa' tal-eredi); dan huwa kjarament inkompatibbli mal-obbligi fundamentali tagħha bħala użu-fruttwarja.

»… … …

»Illi l-kliem tal-ewwel artikolu tat-testment tat-23 ta' Settembru 1996 in atti Nutar Nicola Said jesprimu b'mod ċar u espress il-volontà tad-defunt Philip Borg, u *cioè* illi jħalli lil martu l-użu u l-użufrutt "ta' kull somma flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi", u din il-volontà tad-*de cujus* illi jħalli lil martu legat ta' użufrutt fuq il-beni tiegħu kollha, inkluż l-assi likwidi, issib konferma ulterjuri mill-qari tad-disposizzjonijiet testamentarji rimanenti, senjatament l-artikolu disgħa tat-testment in kwistjoni, illi permezz tiegħu d-defunt Philip Borg, flimkien mal-appellata, innominaw lill-esponenti u lil ħutha eredi tagħhom univers-ali, proprjetari assoluti fil-beni tagħhom kollha mobili u immobili. korporali u inkorporali, preżenti u futuri – u kwindi inklużi wkoll l-assi likwidi tal-istess testaturi.

»Illi għaldaqstant, mill-qari tat-testment in kwistjoni, tirriżulta biċ-ċar il-volontà tad-defunt Philip Borg illi, filwaqt li l-appellata titħalla l-użu u l-użufrutt fuq kull somma flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi, l-appellanti u ħutha jitħallew l-eredi universali u padruni assoluti tal-istess assi.

»Kif anke kkonfermat l-ewwel qorti fis-sentenza mertu tal-appell odjern, il-jedd tal-użufrutt iġib miegħu l-obbligu li wieħed jippreserva, kemm fis-sustanza u kif ukoll fl-għamla, il-ħwejjeġ soġġetti għall-użufrutt.

»Illi fdan l-isfond l-esponenti tirribadixxi dak minnha dikjarat fir-raba' eċċezzjoni tagħha, u *cioè* illi ġjaladarba l-attriċi, *qua* appellata, iddikjarat illi ser tuża dawn ii-flus meta tiġi bżonnhom, u kwindi stqarret illi trid ikollha l-jedd li tiddisponi mill-kapital u mhux l-imgħaxijiet biss, allura t-talbiet u l-intenzjonijiet tal-istess attriċi jikkozzaw mal-artikolu 328 u 332 tal-Kap. 16, in kwantu l-ħsieb manifest tal-appellata huwa proprju li tmur kontra wieħed mill-obbligi fundamentali tagħha bħala użufruttwarja, u dana billi tiddisponi – minflok tippriserva – il-ħwejjeġ illi tagħhom l-appellanti, flimkien ma' ħutha, huma propjetarji.

»*In effetti* d-dikjarazzjoni magħmula mill-appellata permezz tan-nota ġuramentata ppreżentata fil-25 ta' Ottubru 2012 ma tikkonferma xejn għajr l-intenzjoni tal-istess appellata illi, fit-tgawdija tal-użufrutt imħolli lilha mingħand żewġha, tonqos milli tagħmel użu mill-jeddijiet tagħha bħala *bonus paterfamilias* billi tonqos milli żżomm is-sustanza tal-

użufrutt kemm fl-għamla u kif ukoll fil-materja; u dikjarazzjoni bħal din saħansitra tammonta għal raġuni sufficjenti sabiex jiġi terminat l-użufrutt.

»… … …

»Huwa għalhekk obbligu illi jitnissel mil-liġi dak tal-appellata illi, bħala użufruttwarja, tassigura illi l-ebda persuna, u wisq anqas hiia stess, ma tiddisponi mill-ħwejjeġ illi tagħhom ħaddiehor huwa proprjetarju, u huwa għalhekk legalment inkonċepibbli kif l-appellata, permezz tal-azzjoni odjerna, qiegħda titlob lill-qorti sabiex tingħata l-libera fakultà illi tikser dan l-obbligu fundamentali tagħha bħala użufruttwarja.

»Kif ġà hawn fuq spjegat, l-istitut tal-użufrutt m'huwiex sempliċiment maħsub sabiex persuna tgawdi mill-frott tal-ħwejjeġ illi tagħhom ħaddieħor huwa proprjetarju iżda wkoll sabiex dik l-istess persuna tiggarantixxi l-preservazzjoni ta' dawk l-istess ħwejjeġ, tant illi n-nuqqas tal-użufruttwarju illi josserva dan l-obbligu jikkostitwixxi raġuni sufficjenti sabiex jiġi tterminat l-użufrutt. L-istitut tal-użufrutt jistabilixxi għalhekk mhux biss jedd għall-użufruttwarju li jgawdi mill-ġid ta' ħaddieħor iżda wkoll garanzija għall-proprjetarju illi dan il-ġid ser jiġi miljorat jew tal-anqas jinżamm intatt bl-obbligu illi għandu l-użufrutt-warju illi jippreserva dan il-ġid.

»L-istitut tal-użufrutt joħloq għalhekk simbjożi bejn l-użufruttwarju, fuq naħa waħda, illi qiegħed igawdi mill-ġid ta' ħaddieħor, u fuq in-naħa l-oħra l-proprjetarju ta' dak l-istess ġid, illi għandu s-serħan il-moħħ illi l-ġid tiegħu ser jiġi preservat jew addirittura miljorat mill-użufruttwarju. Il-jedd tat-tgawdija kif ukoll l-obbligu tal-preservazzjoni huma għalhekk intrinsikament marbutin ma' xulxin u ma jistgħux jiġu distakkati bil-mod illi qed tippretendi l-appellata, u *cioè* illi tgawdi l-ħwejjeġ ta' ħaddieħor mingħajr ma tieħu hsieb illi tippreserva l-istess; altrimenti l-appellata tkun qed tingħata mhux l-awtorizazzjoni illi teżerċita l-jedd tal-użu u l-użufrutt iżda l-awtorizzazzjoni sabiex tabbuża mill-istess!

»*Ciononostante*, filwaqt li l-ewwel qorti rrikonoxxiet li permezz tal-ewwel artikolu tat-testment in kwistjoni l-appellanti tħalliet legat ta' użufrutt mingħand żewġha fuq il-beni tiegħu kollha, estendiet l-inter-pretazzjoni ta' dan l-artikolu billi kkonkludiet illi in kwantu għall-assi likwidi ta' żewġha, *in aggiunta* mal-imsemmi użufrutt, l-appellata ngħatat il-fakultà li tiżbanka kull sold illi jinsab investit u/jew depożitat f'kull bank jew awtorità, u dan minkejja l-fatt illi dawn l-istess flejjes ma jappartjenux lill-appellata.

»Għalkemm huwa minnu illi l-qorti imponiet fuq l-appellata l-obbligu tar-restituzzjoni, fir-realtà huwa ferm diffiċili illi wieħed jifhem b'liema mod l-appellata/l-eredi tagħha jistgħu qatt jonoraw dan l-obbligu ġjala-darba l-appellata tkun iddisponiet mill-kapital ta' dawn l-investimenti, u għadaqstant bil-pronunzjament tagħha l-ewwel qorti effettivament akkordat lill-appellanti [*recte*, lill-appellata] l-libera fakoltà li tiddisponi minn dawn l-flejjes darba għal dejjem.«

15. Kontra dak li jgħid ir-rikors tal-appell, l-ewwel qorti ma ħolqot ebda jedd *sui generis* iżda biss għarfet illi dak li tħalla b'legat lill-attriċi huwa kważi-użufrutt, kif imfisser fl-art. 329 tal-Kodiċi Ċivili:

»**329.** Jekk fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom mingħajr ma jikkunsmahom, bħal flus, … … … l-użufruttwarju għandu jedd jinqeda bihom bl-obbligu li jħallas kemm jiswew. … … ….«

16. L-istitut tal-kważi-usufrutt huwa magħruf kemm mil-liġi stess, kemm mid-dottrina u kemm mill-ġurisprudenza; effettivament il-kważi-użu-frutt jagħti lill-użufruttwarju l-proprjetà tal-ħwejjeġ mogħtija b'użufrutt – b'mod għalhekk li ma jibqgħux "ħwejjeġ ta' ħaddieħor" iżda jsiru tal-użufruttwarju stess bl-obbligu fuqu – jew x'aktarx fuq il-werrieta tiegħu jekk l-użufrutt jintemm bil-mewt – li jrodd kemm jiswew fi tmiem l-użufrutt:

»… … … le cose che si consumano col primo uso non sono suscett-ibili di un vero usufrutto. È impossibile, infatti, il goderne conservando-ne la sostanza, conforme alla definizione data dall'art. 578[2], poichè si tratta di cose delle quali non ci si può servire senza consumarle, *quarum usus in abusu consistit.* Godimento e conservazione della sostanza sono qui due idee [in]compatibili. Ma si è ammessa, *utilitatis causa*, la possibilità di stabilire su queste cose un diritto analogo all'usufrutto, *quasi ususfructus*: è il *quasi usufrutto*. L-usufruttuario avrà il diritto di consmare la cosa, poiché è impossibile goderne altrimenti, ed alla fine dell'usufrutto egli restituirà non la cosa stessa, che probabilmente non esisterà più, ma il suo equivalente.«[3]

17. Huwa wara kollox it-testment stess li jagħti lil min jibqa' ħaj l-aħħar fost it-testaturi l-jedd "li jkun jista' jirtira u jinkassa mingħand kull persuna, bank u awtorità oħra kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi soġġetti għall-imsemmi użufrutt".

18. Il-jedd tal-konvenuta għalhekk ma huwiex dak li żżomm lill-attriċi milli tiġbed il-flus iżda biss il-jedd li sehemha minn dawn jintradd lilha fi tmiem l-użufrutt.

---

2 Ekwivalenti għall-art. 328 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

3 Baudry-Lacantinerie & Wahl, *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile – Dei Beni (Ristampa 1931)*, §574.

19. Il-konvenuta iżda tgħid illi "għalkemm huwa minnu illi l-qorti imponiet fuq l-appellata l-obbligu tar-restituzzjoni, fir-realtà huwa ferm diffiċili illi wieħed jifhem b'liema mod l-appellata/l-eredi tagħha jistgħu qatt jonoraw dan l-obbligu ġjaladarba l-appellata tkun iddisponiet mill-kapital ta' dawn l-investimenti".

20. L-obbligazzjoni iżda ma hijiex li jintraddu l-ħwejjeġ funġibbli nfushom iżda li jintradd "kemm jiswew". Jekk, wara li tiġi nieqsa l-użufrutt-warja u għalhekk jintemm l-użufrutt, ma jinstabux fl-assi tagħha beni biżżejjed biex titwettaq din l-obbligazzjoni – għax it-testment igħid illi hija "eżenti minn kull obbligu legali tal-inventarju u tal-kawzjoni" – ikunu l-werrieta li jkunu marbuta bil-beni tagħhom li jagħmlu tajjeb.

21. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

22. It-tielet aggravju jolqot l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi l-kważi-użufrutt jagħti l-proprjetà lill-użufruttwarju, bl-obbligazzjoni li fi tmiem l-użufrutt jintraddu l-ħwejjeġ soġġetti għall-kważi-użufrutt.

23. Ġà rajna, fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravju ta' qabel dan, illi huwa minnu illi l-użufruttwarju tassew isir sid tal-ħwejjeġ funġibbli mogħtija bi kważi-użufrutt. L-appellanti iżda tgħid illi "l-jedd tal-kważi-użufrutt jissussisti biss fix-xenarju fejn teżisti l-impossibilità li wieħed igawdi mill-beni soġġetti għall-użufrutt billi jikkonserva s-sustanza tagħhom". Tfisser din il-parti tal-aggravju hekk:

> »… … … fil-każ odjern, il-fatt sempliċi illi l-użufrutt li tħalla lill-appellata kien jinkludi flus investiti – u kwindi oġġetti illi setgħu jiġu konsumati – kien biżżejjed sabiex l-ewwel qorti tinterpreta l-jedd illi ngħata lill-appellata bħala kważi-użufrutt.

> »Però l-kriterju illi użat l-ewwel qorti, *ossia* illi "flus huma fost l-oġġetti li użufruttwarju għandu l-jedd li jinqeda bihom. Mela ladarba l-attriċi jkollha l-flus f'idejha, għandha jedd li tinqeda bihom", mhuwiex kriterju suffiċjenti sabiex jissussiti l-jedd tal-kważi-użufrutt minflok dak tal-użufrutt. Hija l-impossibilità tat-tgawdija tal-oġġett mingħajr il-konsum tal-istess illi tiddefinixxi l-karattru essenzjali tal-kważi-użufrutt, u din l-impossibilità, fil-każ in diżamina, ma teżistix, in kwantu bil-preservazzjoni tal-kapital, l-appellanti m'hix prekluża milli tgawdi mill-frott ta' dawn l-investimenti billi tinkassa u tiddisponi mill-imgħaxijiet li jakkumulaw fuq l-istess. Għaldaqstant l-obbligu li għandha l-appellata jibqa' dak illi tippreserva l-ħwejjeġ soġġetti għall-użufrutt u mhux "l-obbligu li meta jispiċċa l-użufrutt tirrestitwixxi, mhux dik il-ħaġa *in natura*, imma l-valur tagħha".«

24. Waqt it-trattazzjoni bil-fomm tal-appell l-appellanti fittxet li ssaħħaħ dan l-argument billi tistrieħ ukoll fuq l-art. 388 tal-Kodiċi Ċivili:

> »**388.** L-użufrutt ta' renta jew ta' kreditu ma jispiċċax bir-radd tal-kapital; l-użufruttwarju jista' jimpjega mill-ġdid dak il-kapital jew, skont il-każ, jitlob li jarġa' jiġi impjegat bi profitt għalih.«

billi tgħid illi dan l-artikolu jimplika li, ladarba l-jedd tal-użufruttwarju hu li "jimpjega" l-kapital mill-ġdid, dak il-kapital, ladarba għandu jiġi "impjegat", ma għandux jiġi konsumat.

25. L-ewwel parti tal-aggravju – li flus tista' tgawdihom bla ma tikkunsmahom – hija mxejna bil-kliem ċar tal-art. 329 tal-Kodiċi Ċivili, li bħala l-ewwel eżempju ta' "ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom mingħajr ma jikkunsmahom", isemmi appuntu l-flus.

26. L-argument imbagħad imsejjes fuq l-art. 388 jimplika li kważi-użufrutt ta' flus jista' jseħħ biss jekk il-flus ikunu kontanti u mhux jekk ikunu investiti b'mod li jitqiesu "kapital", għax il-kapital għandu jibqa' impjegat bħala kapital u l-jedd tal-użufruttwarju jkun biss li jirċievi l-imgħaxijiet.

27. Dan l-argument fil-fehma tal-qorti huwa tajjeb safejn jolqot ishma f'soċjetajiet kummerċjali billi ishma ma humiex *quantum* ta' flus depożitati jew investiti, u wkoll għax ishma ma humiex ħwejjeġ li ma tgawdihomx jekk ma tikkunsmahomx.

28. L-attriċi iżda ma talbitx dikjarazzjoni li għandha jedd li tbigħ ishma f'soċjetajiet kummerċjali biex tieħu r-rikavat; għalkemm huwa minnu li fit-tieni talba talbet illi titħalla "tirtira u tinkassa minn kull kont u investiment u kapitali u titoli ta' fondi, li jinsabu depożitati għand l-istess konvenuti", din it-talba hija kondizzjonata b'dak li jintalab fl-ewwel talba, li hija limitata għal "kull somma ta' flus kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi" u għalhekk ma tintlaqatx b'dan l-argument. It-testment stess, wara kollox, jagħti użufrutt fuq "kull somma ta' flus, kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi" u mhux ukoll fuq ishma jew titoli oħra ta' soċjetajiet kummerċjali.

29. Barra minn hekk, l-ewwel qorti espressament qalet illi mhix qiegħda tqis it-tieni talba ladarba din tolqot biss il-konvenuti l-oħrajn u l-kawża, safejn tolqot lil dawk il-konvenuti, ġiet ċeduta. Jekk, meta l-ewwel qorti laqgħet biss l-ewwel talba u tat id-dritt lill-attriċi illi "tillikwida l-investimenti fil-kumpanniji", dan jitqies li jagħtiha wkoll id-dritt li tbigħ l-ishma u l-*bonds*, jiġi illi l-ewwel qorti tkun tat *ultra petita*.

30. Biex jiġi evitat kull ekwivoku, għalhekk, għandu jiġi preċiżat illi dik il-parti tas-sentenza appellata li tgħid illi l-attriċi għandha jedd illi "tillikwida l-investimenti fil-kumpanniji" ma għandhiex tiftehem li tfisser illi l-attriċi għandha jedd tbigħ l-ishma fil-kumpanniji konvenuti

u lanqas illi tbigħ *bonds* maħruġa minn kumpanniji qabel ma dawn jimmaturaw biex tieħu r-rikavat, kemm għax it-testment ma jagħtix użufrutt fuq dawk il-beni u kemm għax ishma ma humiex fost il-“ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom mingħajr ma jikkunsmahom” u wkoll għax *bonds* maħruġa minn kumpanniji ma humiex “titoli ta’ fondi pubbliċi”. Naturalment, *bonds* li jimmaturaw matul l-użufrutt u għalhekk jissarfu fi flus isiru soġġetti għall-kważi-użufrutt.

31. Safejn imbagħad dan l-argument jolqot flus, ukoll jekk depożitati f’kontijiet bankarji jew investiti f’fondi pubbliċi, l-art. 329 moqri flimkien mal-art. 352 tal-Kodiċi Ċivili fil-fehma tal-qorti juri illi l-użufruttarju ma huwiex limitat fl-“impjieg” tat-tgawdija tal-flus kif trid l-appellanti. L-art. 352 dwar il-garanzija li għandu jagħti l-użufruttwarju fil-fatt igħid illi:

> »**352.** (2) Is-somma tal-garanzija, għall-finijiet tal-iskrizzjoni ipotekarja, titqies fuq is-somma tal-kapitali li għandhom jingħataw f’idejn l-użufruttwarju, jew li jintraddu lilu matul l-użufrutt, fuq is-siwi tal-ħwejjeġ mobbli, u fuq kemm jistgħu jiswew it-tiswijiet tal-immobbli, illi x’aktarx ikunu meħtieġa fiż-żmien ta’ ħames snin, u illi, skont il-liġi, għandhom isiru mill-użufruttwarju.«

32. Il-fatt illi l-użufruttwarju – dejjem jekk, bħal ma ġara fil-każ tallum, ma ma jkunx ġie meħlus fl-att li joħloq l-użufrutt – irid jagħti garanzija għar-radd “tal-kapitali li għandhom jingħataw f’idejn l-użufruttwarju” ifisser illi, appuntu, dawk il-kapitali għandhom jingħataw f’idejh; li kieku, kif tippretendi l-appellanta, dawk il-kapitali kellhom jibqgħu “preservati” ma kienx ikun hemm ħtieġa tal-garanzija, bħal ma hemmx ħtieġa għall-garanzija tar-radd ta’ ħwejjeġ immobbli.

33. Fit-tieni parti tal-aggravju mbagħad l-appellanti tgħid illi “xorta waħda jibqa’ l-fatt illi ġjaladarba l-qorti … … … kkonċediet lill-użufruttwarja l-fakoltà li tiżbanka l-assi bankarji – kompriż allura s-sehem tal-ulied mill-wirt ta’ missierhom – kien indikat illi l-qorti timponi d-debiti garanziji fuq l-użufruttwarja in kawtela tal-jeddijiet tal-proprjetarji”.

34. Ġà rajna iżda illi l-attriċi hija, bis-saħħa tar-rieda tat-testatur, “eżenti minn kull obbligu legali tal-inventarju u tal-kawzjoni” u għalhekk l-ewwel qorti ma setgħetx “timponi” l-obbligu tal-kawzjoni.

35. Dan l-aggravju wkoll għalhekk għandu jiġi miċħud.

36. Waqt is-smigħ tal-appell l-attriċi qanqlet ukoll il-kwistjoni jekk għadx fadal interess ġuridiku fil-kawża issa li l-attriċi ċediet il-kawża safejn magħmula kontra l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji li għadhom f’idejhom il-beni soġġetti għall-użufrutt.

37. Tassew, l-attriċi kienet ġà ċediet it-talbiet kontra l-konvenuti l-oħra qabel ma ngħatat is-sentenza fl-ewwel grad, u l-appellanti ma ressqet ebda aggravju dwar hekk fir-rikors tal-appell.

38. F’kull każ iżda l-ewwel qorti korrettement ma qisitx it-tieni talba tal-attriċi – dik biex il-konvenuti “jawtorizzawha tirtira u tinkassa minn kull kont u investiment u kapitali u titoli ta’ fondi li jinsab depożitati għand l-istess konvenuti f’isem il-mejjet żewġha Philip Borg kemm waħdu kif ukoll konġuntivament mal-attriċi mingħajr il-kunsens tal-eredi tal-istess żewġha” – iżda laqgħet biss l-ewwel talba – dik għal dikjarazzjoni illi l-attriċi “għandha dritt li tirtira u tinkassa mingħand

kull persuna bank u awtorità oħra kull somma ta' flus kapitali u titoli ta' fondi pubbliċi li jgħajtu lil żewġha l-mejjet Philip Borg u li huma soġġetti għal użufrutt favur tagħha" – li fiha ċertament l-attriċi għandha interess.

39. Barra minn hekk, kull argument tal-appellanti li l-attriċi ma għandhiex interess ċertament ma huwiex kompatibbli mal-eċċezzjoni tagħha illi "din il-kawża ġiet intavolata kontra diversi entitajiet li ma humiex il-leġittimi kontradittur għat-talbiet tal-attriċi". Jekk qiegħda tgħid illi l-banek u istituzzjonijiet finanzjarji ma humiex kontradittur leġittimi, u għalhekk ma misshomx ġew imħarrkin, iċ-ċessjoni tal-kawża safejn tolqot lilhom ma twassalx għal telfien ta' interess.

40. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bil-preċiżazzjoni magħmula fil-para. 30 ta' din is-sentenza.

41. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell – ladarba kienet meħtieġa l-preċiżazzjoni magħmula fil-para. 30 – huwa xieraq li jinqasmu bejn il-partijiet billi sehem minn erbgħa (¼) tħallsu l-attriċi u tliet ishma minn erbgħa (¾) tħallashom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr